# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Nru. 2573

**Każ Nru : 3539/ET**

**Fil-Kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Carmen Abela**

**u**

**Centro Management Ltd.**

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet:**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr.Robert Spiteri nhar it-8 ta' Marzu, 2017 f'isem ir-rikorrenti Ms.Carmen Abela. Ir-rikkorenti ddikjarat li kienet impjegata mas-soċjeta' intimata fuq bażi 'part-time' bħala Sales Assistant għal madwar ħdax il-xahar fuq kuntratti ta' tlett xhur definiti li kienu jistgħu jiġu estiżi sa massimu ta' erba snin.

Illi ir-rikorrenti rċeviet ittra datata 18 ta' Novembru, 2016, li l-kuntratt tagħha ma kienx se jiġi estiż u dan mingħajr ebda raġuni. Għaldaqstant ir-rikorrenti qed titlob li t-Tribunal jiddeċiedi li l-kuntratt ġie tterminat għal raġunijiet inġusti, li tingħata s-somma spettanti bħala danni u li tiġi ntegrata f'xogħolha u titħallas kumpens ġust.

Min naħa tagħha, is-soċjeta' intimata permezz ta' l-Avukati Dr. Austin Gauci Maistre u Dr. Robert Gauci Maistre iddikjarat li t-talbiet huma nfondati u għandhom jiġu miċħuda.

Illi is-soċjeta' intimata għażlet li ma ġġedditx il-kuntratt definit kif kellha dritt li tagħmel skond il-kuntratt iffirmat bejn is-socjeta' u r-rikorrenti fl-1 ta' Diċembru 2015.

Illi r-rikkorenti tħallset dak kollu dovut lilha u għaldaqstant l-ebda kumpens ma huwa dovut.

Skond l-istess kuntratt f'każ li jew l-impjegat jew min iħaddem ma jixtieqx illi l-kuntratt jerġa jiġġedded wara perjodu ta' tlett xhur, ikun liem ikun, għandu jagħti ġimgħa notice illi l-kuntratt mhux ser jiġġedded.

Ġara illi wara ġimgħatejn qabel l-iskadenza tar-raba perjodu ta' tlett xhur, is-soċjeta' intimata tat ittra lir-rikorrenti fejn spjegat illi l-kuntratt ta' l-impjieg ma kienx ser jiġi mġedded.

Illi l-ittra (Dok C) ingħatat lir-rikorrenti fit-18 ta' Novembru, 2016, flimkien ma' ċekk bl-istess data li kien jinkludi dak kollu dovut lir-rikorrenti sa l-iskadenza tal-kuntratt li kien jagħlaq fit-30 ta' Novembru 2016, liema ċekk issarraf mir-rikorrenti fl-10 ta' Diċembru 2016.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proċeduri xehdu: Is-Sur Owen Lee Camilleri – Direttur; Is-Sinjura Joanne Scicluna – Ex impjegata; Is-Sinjura Phyllis Ellul – Ex impjegata u r-rikorrenti. Ġew esebiti ukoll diversi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet u deċiżjoni</u>**

It-Tribunal għandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni tar-rikorrenti saritx b'mod ġust u skont il-Liġi.

Ir-rikorrenti kienet impjegata fuq kuntratt ta' tlett xhur li kien jiġġedded, u jekk le, hemm ġimgħa *notice*. Il-kuntratt kien jiġġedded b'mod awtomatiku jekk ma jingħatax *notice* mil-partijiet u li l-kuntratt jiġi indefinit wara erba (4) snin. Ukoll il-parti li twaqqaf l-impjieg qabel l-iskadenza, trid tħallas nofs il-pagi sa d-data ta' l-iskadenza lill-parti l-oħra.

Ġara, li fir-raba' perjodu ta' tlett xhur, is-soċjeta' intimata infurmat lir-rikorrenti li l-kuntratt mhux se jiġġedded u li se tkun imwaqqfa minnufih, jiġifieri ma kinitx se titħalla taħdem sa l-iskadenza tal-kuntratt.

L-ittra kellha d-data ta' 18 ta' Novembru, 2016, meta l-kuntratt kien jagħlaq fit-30 ta' Novembru, 2016. Ma din l-ittra kien hemm ċekk b'dak dovut lir-rikorrenti sat-30 ta' Novembru 2016.

Dan kollu jidher li sar skont il-kuntratt esebit u skont il-Liġi.

Irrid ngħid li s-soċjeta' intimata uriet li għandha diversi nuqqasijiet amministrattivi. M'hu professjonali xejn li timpjega nies u ttijhom il-kuntratt xhur wara, kif ukoll d-disorganizzazjoni li jidher li kien hemm fuq kundizzjonijiet bażiċi ta' leave, sick leave, workings pro-rata, overtime etċ.

Irrid ngħid ukoll li x-xhieda ta' Joanne Scicluna u ta' Phyllis Ellul ma kienu konvinċenti xejn bit-taħwid ta' spjegazzjonijiet li taw u għamilt eċċezjoni li ħallejthom ikomplu jixhdu.

It-Tribunal innota ukoll settlement bejn is-soċjeta' intimata u DIER fuq flus oħra dovuti lir-rikkorent u li dan is-settlement tħallas.

Mehuda inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal qed jiddeċidi li l-kuntratt definit tar-rikorrenti ma ġġedditx skont il-Liġi u skont il-kuntratt bejn il-partijiet u għaldaqstant is-soċjeta' intimata qed tingħata raġun li mxiet skont il-Liġi.

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffisati fl-ammont ta' €93.17.

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : **Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

***Chairman***

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja